

32006R1978

23.12.2006

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 368/89

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1978/2006**tat-22 ta' Diċembru 2006****li jemenda r-Regolament (KE) 448/2001 tat-2 ta' Marzu 2001 rigward ir-rappurtaġġ dwar proċedimenti ta' kanċellazzjoni u dwar l-użu mill-ġdid tal-fondi kkanċellati**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 tal-21 ta' Ġunju 1999 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fondi Strutturali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 53(2) tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 147 tat-Trattat,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar l-Istrutturi Agrikoli u l-Iżvilupp Rurali,

Wara li kkonsultat il-Kumitat dwar l-Istrutturi għas-Sajd u l-Akkwakultura,

Billi

- (1) L-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 448/2001 ⁽²⁾ jobbligaw lill-Istati Membri li jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar il-proċedimenti ta' kanċellazzjoni, il-passi diġà meħuda jew meħtieġa sabiex jiġu aġġustati s-sistemi ta' mmaniġġjar u kontroll, u biex tiġi infurmata dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi kkanċellati u l-emenda tal-pjan finanzjarju għall-għajnuna.
- (2) Matul l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 448/2001, l-esperjenza wriet il-bżonn li tikkjarifika u tissimplifika dawk il-kundizzjonijiet.
- (3) B'mod partikolari, l-informazzjoni li trid tiġi provduta lill-Kummissjoni għandha tkun limitata għall-ammonti totali tan-nefqa, per miżura, irtirati mill-programm ikkonċernat bħala riżultat tal-kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni pubblika kollha jew parti minnha għal operazzjonijiet, u għal informazzjoni dwar l-użu mill-ġdid attwali tal-fondi rilaxxati wara rtirar ta' spiża simili. L-informazzjoni dwar l-aġġustamenti għas-sistemi ta' mmaniġġjar u kontroll huwa fornuta mill-Istati Membri fir-rapporti annwali

meħtieġa mill-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 438/2001 tat-2 ta' Marzu 2001 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/1999 fir-rigward tas-sistemi ta' mmaniġġjar u kontroll għall-għajnuna mogħtija taħt il-Fondi Strutturali ⁽³⁾.

- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 448/2001 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.
- (5) Il-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Iżvilupp u l-Konverżjoni tar-Reġjuni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 448/2001 għandu emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 2(3) għandu jiġi mibdul b'li ġej:

“3. Mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni meħtieġa dwar irkupri taħt l-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nr 438/2001 ^(*), l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni, bħala anness għall-aħħar rapport ta' kull tliet xhur tas-sena mogħti taħt ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1681/94 ^(**) dikjarazzjoni li tidentifika l-miżuri ta' l-ammonti totali ta' ffinanzjar pubbliku rtirat mid-dikjarazzjonijiet tan-nefqa sottomessa matul is-sena preċedenti wara kanċellazzjoni tal-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-operazzjonijiet.

^(*) ĠU L 63, 3.3.2001, p. 21.

^(**) ĠU L 178, 12.7.1994, p. 43.”

2. It-tieni sentenza ta' l-Artikolu 3(2) għandha tiġi mibdula b'li ġej:

“L-Istati Membri għandhom jinfuraw lill-Kummissjoni fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 2(3) bil-mod li l-fondi tal-Komunità rilaxxati wara rtirar tan-nefqa mill-programm ġew użati mill-ġdid.”

⁽¹⁾ ĠU L 161, 26.6.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emenda l-aħħart bir-Regolament (KE) Nru 173/2005 (ĠU L 29, 2.2.2005, p. 3) kif revokat bir-Regolament (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 210, 31.7.2006, p. 25) mill-ewwel ta' 1 Jannar 2007.

⁽²⁾ ĠU L 64, 6.3.2001, p. 13.

⁽³⁾ ĠU L 63, 3.3.2001, p. 21. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament Nru 2355/2002 (ĠU L 351, 28.12.2002, p. 42).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni
Danuta HÜBNER
Membru tal-Kummissjoni
